# Id-Dagħwa ta' Chambray

Geoffrey George Attard

Darba kont waħdek prinċep fuq il-għolja,
tisseqqer kollok setgħa f'sebħ bla qjies;
illum ħafnek f'idejh min siker fl-għana,
min xejn ma jimpurtah li kont għassies.

Nixtieq li kieku nista' mmur fl-imgħoddi
biex nilmaħ ġmielek safi mill-indħil;
biex nimraħ ġo ħitanek kollhom qawwa,
li xehdu min jaf kemm għal ġlied qalil.

'ma llum ilbitt u dħalt ġewwa qoxortok,
għax ġensek tak f'idejn ulied l-għarib;
mank sura ma ħallielek sabiex tgħanni
il-għanja li għannejt qalb tant tiġrib.

Kull darba li niġġerra fl-idwar tiegħek
nismagħha ħierġa d-dagħwa; il-qalb tibbies –
nixxennaq li xi darba nerġa' nilmħek
kif dari kont, sultan sabiħ w għassies.